**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, it-Tlieta, 27 ta' April 2021**

**Rikors Guramentat numru:- 97/2017BS**

**George Zahra**

**vs**

**Giuda Taddeo Farrugia u b'digriet tat-13 ta' Frar 2018 is-socjeta' Mapfre Middlesea p.l.c. giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza in statu et terminis**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors guramentat ai termini tal-Artikoli 154 et seq tal-Kap. 12 ta' George Zahra illippremetta:**

Illi fil-hmistax (15) ta' Gunju 2017, ghal xi tmienja u ghaxra ta' filghodu (8.10) waqt li l-attur kien isuq il-motorcycle tal-ghamla Honda XR bin-numru ta' registrazzjoni DBS 534 fi Triq L-Gharb, Gharb, fid-direzzjoni lejn Victoria, huwa gie nvestit bil-vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni TFI 824, li dak il-hin kienet qed tinstaq mill-konvenut Giuda Taddeo Farrugia li habta u sabta u minghajr ma ha ebda prekawzjoni kiser ghal fuq il-karreggjata li minnha kien gej isuq l-attur biex jidhol ghal Triq Ta' Pini u baqa' diehel fuq l-attur u tajru minn fuq il-mutur ghal diversi metri 'l boghod;

Illi konsegwenza ta' din il-manuvra perikoluza u azzardata tal-konvenut Giuda Taddeo Farrugia li mblokka l-karreggjata tal-mutur misjuq mill-

attur, l-attur wegga' gravament minbarra li garrab hsarat estensiva fil-mutur tieghu;

Illi dan l-incident gara unikament tort u minhabba traskuragni grassa, b'negligenza u b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Giuda Taddeo Farrugia fis-sewqan tieghu;

Illi minhabba dan l-incident l-attur George Zahra sofra griehi ta' natura gravi f'idu il-leminija u f'dahru u l-mutur garrab hsarat estensivi u x'aktarx ma jissewwiex;

IIIi l-konvenut minkejja li gie nterpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi huwa baqa' inadempjenti.

**Talab li din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara li l-incident oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament htija tal-konvenut Giuda Taddeo Farrugia minhabba sewqan traskurat, b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal istess konvenut;

2. Tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur kemm ghall-griehi ta' natura gravi u permanenti li soffra fuq il-persuna tieghu l-attur George Zahra kif ukoll griehi ohra, u ghall-hsara li giet ikkagunata fuq il-*motorcycle*;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-imghaxijiet, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-10 ta' Ottubru 2017 (Ittra numru 462/2017), u dik ipprezentata kontestwalment ma' din il kawza kontra l-konvenut, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

**Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Giuda Taddeo Farrugia illi eccepixxa:**

1. Illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari huwa sottomess li din il-Qorti mhix kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza ghaliex l-

esponenti huma residenti fil-gzira ta' Malta u ghandu d-dritt li jesigi, kif fil-fatt qed jesigi, id-dritt tal-"Privilegium Fori". Ghalhekk din il-kawza ghandha tinstema' fil-Qorti ta' Malta ai termini tal-artikolu 767 tal-Kapitolu 12 tal Ligijiet ta' Malta;

2. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, m'huwiex kontestat li l-incident in kwistjoni sehh tort tal-konvenut, kif del resto dan qatt ma gie kontestat.

3. Illi konsegwentement, gialadarba qatt ma kien hemm kontestazzjoni dwar responsabilita', kwalunkwe spejjez relatati ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati unikament mill-attur.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sottomess li kwalunkwe danni reklamati mill-attur ghandhom jigu ben pruvati, skond il-ligi, tenut ukoll kunsiderazzjoni tal-fatt li kwalunkwe danni ghandhom dejjem jigu minimizzati minn min ikun qed jirreklamahom.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-rikors tat-2 ta' Frar 2018 fejn Mapfre Middlesea talbet illi tintervjeni fil-proceduri stante l-interess taghha qua socjeta' assiguratrici tal-vettura li kienet involuta fl-incident.

Rat id-digriet taghha fejn laqghet it-talba u awtorizzat lis-socjeta` Mapfre Middlesa plc tintervjenti *in statu et terminis*.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Marzu 2018 fejn bil-ghan li jigi evitat dilungar inutli tal-proceduri u stante nuqqas ta' oppozizzjoni da parti tal-partijet, il-Qorti awtorizzat lis-socjeta' Mapfre Middlesea sabiex tipprezenta nota ta' eccezzonijiet.

**Rat ir-risposta guramentata tal-intervenuta fil-kawza Mapfre Middlesea p.l.c illi eccepiet:**

1. Illi r-responsabbilita' ghall-incident tat-traffiku mertu ta' dawn il-proceduri m'hijiex ikkontestata stante li dina diga giet ammessa mill-intimat Giuda Taddeo Farrugia;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u stante li l-esponenti ma gietx inkluza f'dawn il-proceduri bhala intimata, kwalunkwe spejjez relatati ma dawn il-proceduri ghandhom jibqaw a karigu u spejjez unici tar-rikorrenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe danni reklamati mir-rikorrenti jridu jigu ben pruvati minnu skont il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjez.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2018 l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni li tittratta l-*pivilegium fori*.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2018 il-Qorti hatret lil Mr Massimo Abela sabiex jezamina lill-attur.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Settembru 2018 fejn laqghet it-talba u nnominat lil Mr Joseph Borg, in sostituzzjoni ta' Mr Massimo Abela, sabiex jezamina lill-attur.

Rat illi b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2018 il-Qorti rrevokat in-nomina ta' Mr Joseph Borg u nnominat lil Mr Ray Gatt sabiex jezamina lill-attur.

Rat ir-rappot redatt mill-espert minnha nkarigat liema rapport gie kkonfermat bil-gurament minn Mr Ray Gatt.

Rat l-atti kollha tal-kawza u l-provi illi tressqu mill-partijiet.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet li gew skambjati bejn il-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni finali bil-fomm.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Illi din ta' llum hija azzjoni dwar danni konsegwenti incidenti awtomobilistiku. L-azzjoni hija mpernjata fuq culpa akwiljana li tirrizulta abbazi tal-principju *neminem laedere* kif abbinat man-negligenza a tenur tal-Artikoli 1032 u 1033 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jirrizulta illi fil-jum tal-15 ta' Gunju 2017 ghal habta tat-tmienja u ghaxra ta' filghodu (8:10am), l-attur kien qieghed isuq mutur tal-ghamla Honda XR targat DBS 534 fi Triq l-Gharb, Gharb direzzjoni lejn il-belt Victoria, meta gie nvestit minn vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni TFI 824 li kienet qeghda tigi misjuqa mill-intimat[1]. Din il-vettura hija koperta b'polza ta' assigurazzjoni mas-socjeta' intervenuta.

Mill-affidavit tal-attur jidher illi mal-impatt dan tar minn fuq il-mutur tieghu u waqa' ftit metri 'l boghod[2]. Ghal xi hin intilef minn sensieh u meta stenbah sab ruhu mdawwar bil-Pulizija u xi nies. Dak il-hin l-attur beda jhoss ugigh kbir f'dahru u fil-pala u l-polz ta' idu l-leminija. Il-pala dehret illi kienet zlugata mill-polz. L-attur, li huwa nfermier assenjat fl-isptar generali ta' Ghawdex, intebah minnufih illi kien kiser idu. Giet imsejjha fuq il-post ambulanza illi hadet lill-attur lejn l-isptar. L-attur safa rikoverat l-isptar ghal hamest ijiem u fil-frattemp gie operat f'idu l-leminija[3]. Irrizulta illi l-attur garrab ukoll frattura fis-sinsla ta' dahru u billi dan kien jirrikjedi mistrih fis-sodda ghal tul ta' zmien l-attur qatta xahrejn shah wiccu 'l fuq fis-sodda fid-dar tieghu.

Konsegwenza tal-incident l-attur ghadu qieghed isofri minn ugigh f'dahru u f'idu l-leminija. Jghid illi apparti li tilef certu sahha minn idu, huwa ghadu qieghed isofri minn movimenti ristretti tal-id.

Mir-rapport redatt mill-espert minnha nkarigat il-kirurgu Mr Ray Gatt, jirrizulta illi l-attur garrab debilita permanenti ta' 5%.

L-attur xehed kif il-mutur li kien qieghed jigi misjuq minnu fil-waqt tal-incident garrab hsarat estensivi mad-daqqa tant illi s-*surveyor* inkarigat mis-socjeta` intervenuta ccertifika l-mutur bhala *total loss*[4]. Mis-*survey*

---

[1] Ara l-PIRS report a fol.

[2] A fol. 104 et seq. tal-process.

[3] Ara l-*Case Summary*, Dok. GZ1 a fol. 107 et seq. tal-process.

[4] Dok. GZ 3 a fol. 111 et seq. tal-process.

*report* jirrizulta li l-mutur gie stmat bhala li ghandu valur fl-ammont ta' elf sitt mija u hamsin Ewro (€1650).

Giet esebita wkoll kopja formali ta' sentenza tas-6 ta' Ottubru 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs Guido Taddeo Farrugia** fejn din il-Qorti diversament presjeduta sabet lill-imputat hati ta' sewqan b'manjiera traskurata u perikoluza u kkundannatu ghal piena ta' multa[5]. Jidher illi din is-sentenza saret gudikat.

Illi l-intimat accetta r-responsabilita` shiha ghall-incident de quo u dan gie kkonfermat ukoll mis-socjeta` intervenuta. Madanakollu, qieghed jigi kkontestat il-quantum tad-danni li l-Qorti giet mitluba sabiex tillikwida favur l-attur.

In tema ta' dritt, hija norma tal-ligi stabbilita bl-Artikolu 1031 tal-Kap 16 illi "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*". Jitqies illi jkun fi htija kull min f'ghemilu ma juzax il-prudenza, l-ghaqal u d-diligenza u l-hsieb ta' *bonus pater familias* (art. 1032(1) Kap 16). Aktar u aktar, a tenur tal-Artikolu 1033 tal-Kodici, kull min "*bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi*" huwa obbligat li jirrizarcixxi d-danni[6].

Fl-isfond ta' dan l-insenjament il-Qorti trid issa tghaddi sabiex tistabbilixxi likwidazzjoni ta' kumpens xieraq bhala rizarciment ghad-danni mgarrba mill-attur.

Fit-talbiet tieghu l-attar jitlob kumpens kemm ghal-telf ta' qliegh fil-futur (*lucrum cessans*) kif ukoll ghad-danni attwali (*damnum emergens*). Kif gie ppruvat, din it-talba hija mpernjata fuq il-fatt illi konsegwenza tal-incident huwa garrab griehi f'idu u f'dahru liema griehi naqqsulu mis-sahha u l-uzu ta' idu. In oltre l-mutur li kien qieghed isuq gie ddikjarat *total loss*.

Fl-ezercizzju sabiex tistabbilixi kumpens xieraq, il-Qorti trid thares lejn ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz ukoll l-eta' u s-sahha tad-danneggjat, il-

---

[5] Dok. A fol. 132 et seq. tal-process.

[6] Ara: **Mosè Tabone vs Avv. Dr. Joseph Ferdinand Cassar Galea**, P.A. 23 ta' Lulju 1958; **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi noe**, Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu 1962; **Alexander Eminyan noe vs Caroline Grech et**, P.A., 3 ta' Ottubru 2003.

paga attwali u zidiet futuri[7]. Hawnhekk il-Qorti trid tipprocedi b'cirkospezzjoni u dan ghaliex il-likwadazzjoni tad-danni rikuperabbli u cioe il-*lucrum cessans*, huwa qliegh incert imsejjes biss fuq bazi ta' probabilita' u dan ghaliex dan il-qliegh jista' jonqos minn mument ghall-iehor sforz kawzi naturali. F'kazijiet ta' din ix-xorta l-Qorti hija msejjha tapplika d-diskrezzjoni taghha sabiex *"fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga' tpoggi lill-vittma ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel. Huwa ingust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma tal-att illegali u ingust ta' haddiehor mhumiex possibbli, ma tassikurax, kemm tista' kompensazzjoni adegwata."*[8]

Hija ezawrjenti l-gurisprudenza in materia u l-principji applikabbli gew ben traccjati u rassodati mill-Qrati taghna matul is-snin. Fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Bonello** il-Prim'Awla tal-Qorti Civili gabret rassenja tal-principji applikabbli. Inghad hekk:

*"Illi tali regoli ġew supplementati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija "**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**" – A.C. deċ. fit22 ta' Dicembru 1967, li tat l-oriġini għal hekk imsejħa multiplier system, li pero` ġiet aġġustata għaż-żminijiet aktar reċenti peress li, kif intqal fil-kawża "**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**" – A.C. deċ. fis-16 ta' Novembru 1983, "iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu." Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – "**Savona vs Asphar**" App. Deċiż fit-23 ta' Ġunju 1952; u li "għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**":- 13.5.2003); u li "dejjem għandu jkun hemm ċertu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." – "**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**" – Appell deċiż fl-20 ta' Lulju 1994.*

---

[7] Ara: **Victor Camilleri pro et noe vs Nazzareno Cutajar et**, P.A. 15 ta' Gunju 1968.

[8] Ara: **Mario Camilleri vs Mario Borg et noe**, P.A. 8 ta' Mejju 1990 (Vol. LXXIV.iii.512); **Emanuel Fenech vs Omar Zammit**, P.A. 16 ta' Settembru 2013.

*Madankollu, fil-każ "**Paul Debono vs Malta Drydocks**" P.A. deċiża fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċita`. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata d-danneġjat jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati Tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." **(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122**).*

*Għalhekk ġie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-każ "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace**" Appell deċiż fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-dannegjat iżda fuq l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier ġie definit kif ġej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of TortW.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Ġie stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu ifixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[9]. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[10] .*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wieħed jagħmel referenza wkoll għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53**).*

***Tnaqqis minħabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jingħad illi fil-kawża fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**." (P.A. (JSP) deċiża fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

---

[9] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*

[10] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*"Fir-rigward għal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'għandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal 'lump sum payment' jekk ma jkunux għaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz "**Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri**" deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Għall-finijiet tat-tnaqqis minħabba lump sum payment id-dekors taż-żmien għandu jibda jiġi kalkolat minn meta tiġi ntavolata l-kawża relattiva u mhux minn meta javvera ruħu l-inċident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li ġie eluċidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-każ "**Jos Agius vs All Services Ltd.**" (P.A. TM 1809/01 deċiża fit-2 ta' Ġunju '05) "f'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni pero`, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."*

*Iżda, ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża, dan għaliex "jekk id-danneġjat ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deċiża fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela**" P.A. deċiża fil-25 ta' Novembru 2013 u "**Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd.**" P.A. deċiża fit-12 ta' Novembru 2012)."*

Traccjati dawn l-insenjamenti, l-Qorti sejra tghaddi sabiex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***Lucrum Cessans***

**a. Il-persentagg ta' dizabilita`**

Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi fil-kaz tal-attur il-persentagg ta' dizabilita' ghandu jkun fir-rata ta' 5% hekk kif stabbilit mill-konsulent ortopediku Mr Ray Gatt fir-rapport mediku redatt minnu fuq inkarigu tal-

Qorti. Il-konsulent ikkonstata illi l-attur "*is suffering from the residual effects of a complex fracture of his dominant right wrist*". Ghalkemm l-intervent kirurgiku halla rizultati pjuttost tajba, u nonostante diversi sessjonijiet ta' fizjoterapija, l-attur baqa' jsofri minn ebusija tal-polz. Dan ixekkel lill-attur kemm fl-attivitajiet tieghu ta' kuljum kif ukoll fil-hajja lavorattiva tieghu bhala infermier. L-attur jinsb isofri wkoll minn ugigh f'ghonqu u dahru. Dan huwa konsegwenza tal-griehi illi garrab fl-incident.

### b. Il-*Multiplier*

Ghalkemm dan huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, fl-istess waqt huwa ben accettat illi tenut kont ta' l-eta' ta' l-attur fil-mument meta sehh l-incident huwa mportanti wkoll li jittiehed in konsiderazzjoni l-incertezza ta' *chances and changes of life*. L-attur kellu hamsa u ghoxrin (25) sena meta sehh l-incident li allura jfisser li kellu aspettattiva ta' hajja lavorattiva ta' 40 sena tenut kont tal-fatt illi persuna fl-eta' tal-attur hija mistennija tahdem sal-eta pensjonabbli li llum tlahhaq il-hamsa u sittin (65) sena. Tenut kont tal-eta' tal-attur, din l-aspettattiva hija fit-tul u ghalhekk l-incertenza ta' dak illi ser jigri fil-futur hija ferm akbar.

Il-Qorti tishaq illi l-*multiplier* ghandu jigi applikat sabiex ikun stabbilit bilanc bejn id-dritt tal-korrut u l-obbligu ta' min ikkawza l-hsara. Mhux il-kaz li wiehed jadoperah bhal li kieku hemm xi certezza dwar ghexieren ta' snin futuri, ghax dan huwa kamp fejn ghandha tregi l-moderazzjoni. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u li l-attur fl-2017 kellu 25 sena, din il-Qorti tqis *multiplier* ta' 40, bhala wiehed l-aktar addattat.

### c. L-introjtu tal-attur

Hija prattika stabbilita ta' dawn il-Qrati li l-kalkolu tal-qliegh fil-gejjieni jittiehed minn dakinhar li jkun sehh l-incident jew minn dak inhar illi titressaq il-kawza[11]. Dan ghaliex il-kumpens huwa marbut sew mal-fatt li konsegwenza tal-korriment il-vittma titlef opportunitajiet li kieku ma kienx ghall-incident kienet tkun tista' tgwadihom. Dan jghodd anke jekk wara l-incident tkun baqghet tipprecepixxi l-istess paga jew addirittura

[11] Ara: **Cachia vs Conti et**, App. Ċiv. 30 ta' Novembru 1964 (Kollez. Vol: XLVIII.i.500); **Violet Galea vs Direttur Responsabbli mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali**, P.A. 22 ta' Marzu 2017.

kellha titjib fil-kundizzjonijiet tax-xoghol[12]. Hekk huwa l-kaz ta' llum fejn mill-provi jirrizulta illi wara l-incident de quo l-paga tal-attur zdiedet b'mod sinifikanti. L-istess principju jghodd ukoll fejn id-dizabilita' sofferta ma tkunx ser timpatta fuq il-kapacita' lavorattiva tal-korrut u dan billi "llum huwa generalment rikonoxxut li kull dizabilita', anke jekk fl-apparenza ma ghandha ebda effetti fuq il-kapacita' lavorattiva ta' dak li jkun, xorta wahda hemm dritt ta' kumpens billi qatt ma jista' jigi eskluz l-effett dirett jew indirett fuq tali potenzjal."[13]

L-attur kellu hamsa u ghoxrin (25) sena meta sehh l-incident. Fiz-zmien tal-incident huwa kien diga' beda jahdem fuq bazi *full time*. Id-dhul *gross* tal-attur fis-sena 2017 kien ta' €29,979.65[14].

Gurisprudenza ricenti stabbiliet illi d-dhul ghandu jigi kkalkolat fuq il-paga li attwalment l-attur jiehu f'idejh wara li mill-paga *gross* jitnaqqsu t-taxxa u l-kontribuzzjoijiet tas-sigurta' socjali[15]. B'hekk jigi assigurat illi l-attur ma jircevix dak illi qatt ma kien ser jircievi kieku ma sehhx l-incident[16]. Dan il-hsieb huwa kondiviz mill-awturi[17] u mill-gurisprudenza tar-Renju Unit[18].

Abbazi ta' dan l-insenjament, mid-dhul *gross* iridu jigu mnaqqsa t-taxxa li dak iz-zmien kienet fl-ammont ta' €4770 u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali li kienu jammontaw ghal €3603.36. Dan ifisser illi fis-sena tal-incident l-attur kellu dhul nett fl-ammont ta' €21,606.29.

### d. L-inflazzjoni

Is-salarju tal-attur ghas-sena 2017 jehtieg illi jigi aggustat sabiex jirrifletti l-gholi tal-hajja ghaz-zmien kollu tal-*multiplier*.

---

[12] Ara: **Maurice Cini et vs MKIC Ltd. et**, Prima Awla, deciza 10 ta' Ottubru, 2019.

[13] Ara: **Anthony Zerafa et noe vs Joseph Sacco et**, Qorti tal-Appell, 1 ta' Dicembru 2006; **George Borg et noe vs Anthony Borg et**, Qorti tal-Appell, 20 ta' Ottubru 2008.

[14] Dok. GZ 2 a fol. 110 tal-process.

[15] **Violet Galea vs Direttur Responsabbli mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali**, P.A. 22 ta' Marzu 2017; **Garry u Pauline konjugi Hurst vs Giuseppe Fava et**, P.A. 26 ta' April 2017; **Christopher Sammut vs Malta Freeport Terminals Limited et**, P.A. 23 ta' Settembru 2020

[16] Ara: **Anthony Azzopardi et vs Anthony Caruana**, P.A. 4 ta' Mejju 2015.

[17] **Markesinis & Deakin's Tort Law**, Oxford University Press, 5th Edition, pgs. 820 – 826.

[18] Ara: **British Transport Commission v. Gourley** [1956] AC 185; **Cooper vs Firth Brown Ltd** [1963] 1 WLR 418; **Dews v. National Coal Board** [1987] 2 All ER 545.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Galea vs Charles Fenech pro et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Mejju 2001 gie stabbilit illi fejn id-danni huma marbuta ma' telf fil-gejjieni, l-Qorti ghandha tqis l-effetti tal-inflazzjoni fuq l-introjtu percepit fiz-zmien tal-incident progettat fuq il-medda ta' snin li l-Qorti tistabblixi bhala l-*multiplier*.

Skont l-istatistika ufficjali ppubblikata mill-Ufficcju Nazzjonali tal-Istatistika r-rata tal-inflazzjoni fis-sena 2017 kienet dik ta' 1.37%[19].

Ghalhekk is-salarju tal-attur irid jigi aggustat u joghla abbazi tal-gholi tal-hajja ghal-perjodu kollu tal-*multiplier* sabiex b'hekk il-Qorti tikkalkula s-salarju tal-attur fil-gejjieni.

**e. It-Tnaqqis konsegwenti ghall-hlas ta'** ***lump sum payment***

Jibqa' biss illi jigi trattat it-tnaqqis minhabba *lump sum payment*. Hija konswetudni li f'kazijiet bhal dak ta' llum isir tnaqqis ta' 20% u dan ghaliex il-danneggjat ikun qieghed jibbenefika minn hlas f'daqqa. Madanakollu, huwa pacifiku wkoll illi qabel isir dan it-tnaqqis il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni t-trapass taz-zmien bejn meta giet intavolata l-kawza u meta nghatat is-sentenza u fejn jirrizulta illi jkunu ddekorrew aktar minn sentjen, allura ghandha tghaddi sabiex tnaqqas 2% ghal kull sena li damet sabiex tigi deciza l-kawza. M'ghandu jkun hemm ebda riduzzjoni fl-ammont fejn jirizulta illi d-dewmien mhuwiex imputabbli lill-attur.

Fil-kaz ta' llum ir-rikors guramentat gie pprezentat fl-20 ta' Dicembru 2017. Il-Qorti tinnota li l-attur ma heliex hin u dan peress illi ha passi f'temp ta' sitt xhur biss mindu sehh l-incident. Dan ifisser illi s-sentenza sejra tinghata kwazi tlett snin u nofs wara li gew intavlati l-proceduri odjerni.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-proceduri mxew pjuttost b'rittmu mghaggel u minghajr ebda hela ta' hin attribwibbli ghal xi parti jew ohra. Jidher pero' illi nhela ammont ta' zmien sakemm ir-rikorrenti gie ezaminat mill-espert inkarigat mill-Qorti u dan peress illi kien hemm diffikulta' relatata mad-disponibilita' tal-espert tant illi l-Qorti kienet kostretta li ghal darbtejn

[19] Prices (gov.mt)

tirrevoka nomina biex taghmel ohra. Il-Qorti tinnota wkoll illi dan il-kaz gie milqut mill-effetti negattivi tal-pandemija illi ghal xhur shah stultifikaw il-proceduri legali kollha b'inkonvenjent ghall-partijiet u b'dilungar inutli. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi ghandha tapplika tnaqqis ta' 17% minhabba hlas ta' *lump sum payment*.

## f. Il-kumpens

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet l-ammont dovut lill-attur bhala *lucrum cessans* sejjer jigi kkalkulat hekk:

€21,606.29 (dhul nett) x 1.37% (inflazzjoni) = €21,902.29[20]

€21,902.29 x 40 (*multiplier*) x 5% (debilita' permanenti) = €43,804.58

€43,804.58 - 17% = **€36,108.80**

*Damnum Emergens*

L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk fir-rigward tad-*damnum emergens*:

**"1045. (1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali…"**

L-attur esebixxa kopja tar-rapport tas-*surveryor* inkarigat mis-socjeta' intervenuta fejn dan iddikjara l-mutur bhala *total loss*. Mill-istess rapport jidher illi l-mutur kien stamat bhala li ghandu valur fis-suq ta' €1650.

Ghalhekk, l-ammont totali in liwkidazzjoni ta' danni u cioe, l-*lucrum cessans* maghdud mad-*damnum emergens* dovut lill-attur jammonta ghas-somma komplessiva ta' **€37,758.80**.

[20] €21,606.29 (dhul nett) x 1.37% (inflazzjoni) = €296.00. L-ammont ta' l-inflazzjoni maghdud mad-dhul nett iwassal ghat-total ta' €21,902.29

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat stante illi din kienet irtirata fil-mori tal-procediment.

Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimat.

Tilqa l-ewwel talba kif dedotta.

Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni fis-somma ta' **€37,758.80**.

Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' sebgha u tletin elf, seba' mija tmienja u hamsin ewro u tmenin centezmu (**€37,758.80**), flimkien ma' l-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'sehh millum sal-jum tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.

(ft.)Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.)Dorianne Cordina
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur